DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/1748

tal-20 ta' Novembru 2020

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Mejju 2019 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 ([1]).

(2) Fit-30 ta' Lulju 2020 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1127 ([2]), li żiedet sitt persuni fiżiċi u tliet entitajiet jew korpi mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi stabbiliti fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2019/797.

(3) Waslet informazzjoni aġġornata għal żewġ żidiet fil-lista ta' persuni fiżiċi.

(4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 huwa emendat skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/797 tas-17 ta' Mejju 2019 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha (ĠU L 129I, 17.5.2019, p. 13).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1127 tat-30 ta' Lulju 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha (ĠU L 246, 30.7.2020, p. 12).

ANNESS

Fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2019/797, taħt is-subintestatura "A. Persuni Fiżiċi", l-entrati 1 u 2 huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"1.	GAO Qiang	Data tat-twelid: 4 ta' Ottubru 1983 Post tat-twelid: Provinċja ta' Shandong, iċ-Ċina Indirizz: Room 1102, Guanfu Mansion, 46 Xinkai Road, Hedong District, Tianjin, iċ-Ċina Nazzjonalità: Ċiniż Sess: raġel	Gao Qianq huwa involut fl-"Operazzjoni Cloud Hopper", sensiela ta' attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li joriġinaw minn barra l-Unjoni u li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha, u ta' attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi. L-"Operazzjoni Cloud Hopper" kellha fil-mira tagħha s-sistemi ta' informazzjoni ta' kumpanniji multinazzjonali f'sitt kontinenti, inkluż kumpanniji li jinsabu fl-Unjoni, u kisbet aċċess mhux awtorizzat għal data kummerċjali sensittiva, b'riżultat ta' telf ekonomiku sinifikanti. L-attur magħruf pubblikament bħala "APT10" ("Advanced Persistent Threat 10") (magħruf ukoll bħala "Red Apollo", "CVNX", "Stone Panda", "MenuPass" u "Potassium") wettaq l-"Operazzjoni Cloud Hopper". Gao Qianq jista' jkollu rabtiet ma' APT10, inkluż permezz tal-assoċjazzjoni tiegħu mal-infrastruttura ta' kmand u kontroll ta' APT10. Barra minn hekk, Huaying Haitai, entità dežinjata li tipprovdi appoġġ u li tiffaċilita l-"Operazzjoni Cloud Hopper", impjegat lil Gao Qiang. Huwa għandu rabtiet ma' Zhang Shilong, li huwa wkoll iddeżinjat b'konnessjoni mal-"Operazzjoni Cloud Hopper". Gao Qiang huwa għalhekk assoċjat kemm ma' Huaying Haitai kif ukoll ma' Zhang Shilong.	30.7.2020
2.	ZHANG Shilong	Data tat-twelid: 10 ta' Settembru 1981 Post tat-twelid: Iċ-Ċina Indirizz: Hedong, Yuyang Road No 121, Tianjin, iċ-Ċina Nazzjonalità: Ċiniż Sess: raġel	Zhang Shilong huwa involut fl-"Operazzjoni Cloud Hopper", sensiela ta' attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li joriġinaw minn barra l-Unjoni u li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha, u ta' attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi. L-"Operazzjoni Cloud Hopper" kellha fil-mira tagħha s-sistemi ta' informazzjoni ta' kumpanniji multinazzjonali f'sitt kontinenti, inkluż kumpanniji li jinsabu fl-Unjoni, u kisbet aċċess mhux awtorizzat għal data kummerċjali sensittiva, b'riżultat ta' telf ekonomiku sinifikanti. L-attur magħruf pubblikament bħala "APT10" ("Advanced Persistent Threat 10") (magħruf ukoll bħala "Red Apollo", "CVNX", "Stone Panda", "MenuPass" u "Potassium") wettaq l-"Operazzjoni Cloud Hopper". Zhang Shilong jista' jkollu rabtiet ma' APT10, inkluż permezz tal-malware li żviluppa u ttestja b'konnessjoni mal-attakki ċibernetiċi mwettqa minn APT10. Barra minn hekk, Huaying Haitai, entità ddeżinjata li tipprovdi appoġġ u tiffaċilita l-"Operazzjoni Cloud Hopper", impjegat lil Zhang Shilong. Huwa għandu rabtiet ma' Gao Qiang, li huwa wkoll iddeżinjat b'konnessjoni mal-"Operazzjoni Cloud Hopper". Għalhekk Zhang Shilong huwa assoċjat kemm ma' Huaying Haitai kif ukoll ma' Gao Qiang.	30.7.2020".